**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 181**

It-Tlieta, 28 ta' Novembru 2023

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fit-8.30 a.m.

Id-Deputy Speaker l-Onor. David Agius ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ l-Onor. Ian Borg, il-Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal l-Onor. Michael Falzon, il-Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali l-Onor. Aaron Farrugia u l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Byron Camilleri, kienu msiefra fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Glenn Bedingfield, l-Onor. Beppe Fenech Adami u l-Onor. Davina Sammut Hili kienu msiefra fuq xogħol parlamentari.

L-Onor. Ian Vassallo kien skużat.

Il-Prim Ministru l-Onor. Robert Abela, il-Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet l-Onor. Silvio Schembri, il-Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur l-Onor. Julia Farrugia Portelli, il-Ministru għal Għawdex l-Onor. Clint Camilleri, il-Ministru għat-Turiżmu l-Onor. Clayton Bartolo, il-Ministru għall-Ġustizzja l-Onor. Jonathan Attard, is-Segretarju Parlamentari għar-Riformi u l-Ugwaljanza l-Onor. Rebecca Buttigieg, is-Segretarju Parlamentari għas-Sajd, l-Akwakultura u d-Drittijiet tal-Annimali l-Onor. Alicia Bugeja Said, l-Onor. Graziella Attard Previ, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Bernice Bonello, l-Onor. Albert Buttigieg, l-Onor. Ryan Callus, l-Onor. Rosianne Cutajar, l-Onor. Randolph De Battista, l-Onor. Adrian Delia, l-Onor. Omar Farrugia, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Alex Muscat, l-Onor. Chris Said, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Stanley Zammit, l-Onor. Edward Zammit Lewis u l-Onor. Romilda Zarb kienu assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 180 li saret fis-27 ta' Novembru 2023 kienu konfermati.

**MISTOQSIJIET**

Id-Deputy Speaker informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, din is-seduta kienet mingħajr mistoqsijiet.

**KUMITATI PERMANENTI**

Il-President tal-Kumitat Permanenti għall-Affarijiet ta' Għawdex, l-Onor. Jo Etienne Abela, ippreżenta l-Minuti kkonfermati tal-laqgħat minn Nru 4 sa Nru 10 tal-stess Kumitat li nżammu bejn il-5 ta' Diċembru 2022 u s-16 ta' Ottubru 2023.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**ESTIMI ĠENERALI 2024 – KUMITAT TA' PROVVISTA – IS-SITTAX-IL SEDUTA STABBILITA**

Il-Kamra marret f'Kumitat.

**FIL-KUMITAT**

Id-Deputy Speaker, l-Onor. David Agius, ippreseda.

**MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA**

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva, l-Onor. Jo Etienne Abela, ressaq dawn ir-Riżoluzzjonijiet:

**VOT 45 - MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €274,222,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot 45 - Ministeru għall-Anzjanità Attiva, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

**VOT XXI - MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA - KAPITAL**

Illi s-somma ta' mhux iżjed minn €4,620,000 li titħallas mill-Fond Konsolidat tiġi applikata taħt il-Vot XXI - Ministeru għall-Anzjanità Attiva - Kapital, kif dettaljata fl-Abbozz tal-Estimi Ġenerali ta' Nefqa għas-sena 2024.

Id-Deputy Speaker informa lill-Kumitat li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, il-ħin tad-diskussjoni kellu jkun ta' tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Fit-8.35 a.m. beda l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u l-Onor. Paula Mifsud Bonnici ressqet din l-Emenda:

**VOT 45 - MINISTERU GĦALL-ANZJANITÀ ATTIVA**

***Personal Emoluments***
***Item 11 - Holders of Political Office***

Ħassar iċ-ċifra "€54,225" u ssostitwixxi minflok iċ-ċifra "€54,222".

*Delete the figure "€54,225" and substitute therefor the figure "€54,222".*

Fl-10.02 a.m. skada l-ħin disponibbli għall-Oppożizzjoni u beda l-ħin disponibbli għall-Gvern.

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Paula Mifsud Bonnici, l-Onor. David Agius, l-Onor. Alex Borg u l-Onor. Stephen Spiteri għan-naħa tal-Oppożizzjoni, u l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Malcolm Paul Agius Galea, l-Onor. Katya De Giovanni, l-Onor. Ray Abela u l-Onor. Jo Etienne Abela għan-naħa tal-Gvern.

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 2703 Rapport bl-isem *State of Ageing 2023* maħruġ mis-Centre for Ageing Better tar-Renju Unit, datat Novembru 2023.

Fil-11.28 a.m. id-diskussjoni kienet konkluża skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

Il-Kamra rriżumiet u l-Ministru għall-Anzjanità Attiva rrapporta li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-Voti tal-Ministeru għall-Anzjanità Attiva kienet ġiet konkluża, u li l-mistoqsija fuq l-emenda u l-voti mressqa kienu posposti għat-18 ta' Diċembru 2023 skont kif indikat min-naħa tal-Gvern fil-Kumitat Permanenti dwar ix-Xogħol tal-Kamra.

**AĠĠORNAMENT**

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva ppropona l-aġġornament tal-Kamra għat-Tlieta, 28 ta' Novembru 2023 fl-4.00 p.m. b'din l-aġenda:

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

Estimi Ġenerali 2024 - Kumitat ta' Provvista

**Is-Sbatax-il Seduta Stabbilita – Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar**

Vot 43 - Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar
Vot XIX - Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar – Kapital

*Skont il-Mozzjoni ta' Proċedura 183 tal-31 ta' Ottubru 2023:*

L-Ewwel Qari tal-Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Kodiċi Ċivili

Il-Ministru għall-Anzjanità Attiva informa lill-Kamra li skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023, id-diskussjoni fuq il-voti tal-Ministeru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar kellha tieħu mhux aktar minn tliet sigħat, bil-ħin jinqasam indaqs bejn kelliema tal-Gvern u kelliema tal-Oppożizzjoni, bl-aħħar nofs għall-Gvern.

Il-Ministru informa wkoll lill-Kamra li f'din is-seduta, mistoqsijiet parlamentari setgħu jsiru bejn l-4.00 p.m. u l-4.30 p.m. u l-ħin tal-aġġornament ma jitteħidx.

Fil-11.31 a.m. il-Kamra aġġornat skont il-Mozzjoni ta' Proċedura Nru 183 tal-31 ta' Ottubru 2023.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**